IL-PAPAT TAS-SEKLU 10

MARINUS II
942-946

Marinus II kien kandidat ghall-papat maghzul mill-Princep Alberic u bniedem tajjeb wkoll. Kien ruman u meta giet elett papa kien sacerdot tal-knisja ta' S. Ciriacus. Lejn tmiem Ottubru tas-sena 942 Marinus II tela' fuq it-tronn ta' Pietru.



Bhal papiet li kellhom l-appogg ta' Alberic, Papa Marinus kien imur tajjeb mad-dittatur u jidher li kien ihallih imexxi l-istati papali minghajr ma jindahallu. Fi hwejjeg spiritwali Marinus hadem biex igib l-ordni u d-dixxipplina fost il-kleru u ta xi privileggi lill-monasteri. Huwa kkonferma lil Frederiku, arcisqof ta' Mainz fil-Germanja biex dan, bhala vigarju tal-papa ghall-Germanja kollha jaqta' darba ghal dejjem l-abbuzzi fost il-kleru. Frederiku kien diga' appuntat u maghzul mill-Papa Ljun VII ghal dan ix-xoghol.

Gewwa l-Italja Papa Marinus ipprotega lill-patrijiet Benedittini minn isqof li kien ifittex hafna l-gid ta' din l-art. Sicus, isqof ta' Capua ha knisja minghand il-patrijiet li l-isqof ta' qablu kien tahom. Dan taha bhala beneficcju lil wiehed djaknu li kien habib kbir tieghu. Meta l-Papa sema' b'dan huwa mhux talli ordna li Sicus jirritorna l-propjeta' lill-patrijiet, imma pprojbilu li ma jassocjax ruhu aktar ma' dan id-djaknu.

Ftit nafu fuq il-hidma ta' dan il-Papa, imma dak li nafu juri li kien persuna spiritwali u b'sens qawwi ta' responsabilta' lejn il-knisja u habib tal-fqar.

Marinus miet fir-rebbiegha tas-sena 946.